**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

# ►B ►C1 DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1522

**tal-11 ta' Ottubru 2018**

**li tistabbilixxi format komuni għall-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi ◄**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 256, 12.10.2018, p. 87)

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 259, 16.10.2018, p. 43 (2018/1522)

▼B

▼C1

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1522

**tal-11 ta' Ottubru 2018**

**li tistabbilixxi format komuni għall-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi**

▼B

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Il-format komuni għall-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja kif imsemmi fl-Artikolu 6(10) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Format**

L-Istati Membri għandhom jużaw il-format komuni stabbilit fl-Anness meta jwettqu r-rapportar tal-programm nazzjonali tagħhom għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva (UE) 2016/2284.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

*ANNESS*

**Format komuni għall-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/2284**

1. DESKRIZZJONIJIET TAL-KAXXI

Il-kaxxi kollha f'dan il-format komuni li huma mmarkati (O) huma obbligatorji u dawk li huma mmarkati (F) huma fakultattivi.

2. FORMAT KOMUNI

2.1. **Titlu tal-programm, informazzjoni ta' kuntatt u siti web**

2.1.1. *Titlu tal-programm, informazzjoni ta' kuntatt u siti web (O)*

| | |
|---|---|
| Titlu tal-programm | |
| Data | |
| Stat Membru | |
| Isem tal-awtorità kompetenti responsabbli għat-tfassil tal-programm | |
| Numru tat-telefon tas-servizz responsabbli | |
| L-indirizz tal-email tas-servizz responsabbli | |
| Link għas-sit web fejn il-programm ġie ppubblikat | |
| Link(s) għal sit(i) web rigward il-konsultazzjoni(jiet) dwar il-programm | |

2.2. **Sommarju eżekuttiv (F)**

*Is-sommarju eżekuttiv jista' jkun ukoll dokument awtonomu (idealment ta' mhux iktar minn 10 paġni). Għandu jkun sommarju konċiż tat-taqsimiet 2.3 sa 2.8. Fejn ikun possibbli, ikkunsidra l-użu ta' illustrazzjonijiet biex tispjega s-sommarju eżekuttiv.*

2.2.1. *Il-qafas ta' politika nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja u t-tniġġis*

| | |
|---|---|
| Prijoritajiet ta' politika u r-relazzjoni tagħhom ma' prijoritajiet stabbiliti f'oqsma rilevanti oħra ta' politika | |
| Responsabbiltajiet attribwiti lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali | |

2.2.2. *Il-progress li sar mis-sena 2005 mill-politiki u mill-miżuri attwali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet u fit-titjib tal-kwalità tal-arja*

| | |
|---|---|
| Tnaqqis miksub tal-emissjonijiet | |
| Progress fir-rigward tal-ksib tal-objettivi dwar il-kwalità tal-arja | |
| Impatt transkonfinali attwali ta' sorsi domestiċi tal-emissjonijiet | |

2.2.3. *Evoluzzjoni ulterjuri mbassra sal-2030 bis-suppożizzjoni li ma jsirx tibdil fil-politiki u fil-miżuri li diġà ġew adottati (PuM)*

| | |
|---|---|
| Emissjonijiet imbassra u tnaqqis tal-emissjonijiet (ix-xenarju Bil-Miżuri (BM) | |
| Impatt imbassar fuq it-titjib tal-kwalità tal-arja (ix-xenarju BM) | |
| Inċertezzi | |

▼B

2.2.4. *Alternattivi ta' politika kkunsidrati sabiex ikun hemm konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u għall-2030, u l-livelli intermedji tal-emissjonijiet għall-2025*

| | |
|---|---|
| Settijiet prinċipali ta' alternattivi ta' politika kkunsidrati | |

2.2.5. *Sommarju tal-politiki u tal-miżuri magħżula għall-adozzjoni skont is-settur, inkluża skeda għall-adozzjoni, għall-implimentazzjoni u għar-rieżami tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli*

| Settur affettwat | Politiki u Miżuri (PuM) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | PuM magħżula | Skeda għall-implimentazzjoni tal-PuM magħżula | Awtorità/ajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni u għall-infurzar tal-PuM magħżula (it-tip u l-isem) | Skeda għar-rieżami tal-PuM magħżula |
| Provvista tal-enerġija | | | | |
| Konsum tal-enerġija | | | | |
| Trasport | | | | |
| Proċessi industrijali | | | | |
| Agrikoltura | | | | |
| Skart/ġestjoni tal-iskart | | | | |
| Trasversali | | | | |
| Ieħor (irid jiġi speċifikat) | | | | |

2.2.6. *Koerenza*

| | |
|---|---|
| Valutazzjoni ta' kif il-PuM magħżula jiżguraw il-koerenza mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti f'oqsma rilevanti oħra ta' politika | |

2.2.7. *Impatti kkombinati mbassra tal-politiki u tal-miżuri (“Bil-Miżuri Addizzjonali” – BMA) dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-kwalità tal-arja fit-territorji proprji u fl-Istati Membri ġirien u l-ambjent, u l-inċertezzi assoċjati*

| | |
|---|---|
| Ksib imbassar tal-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (BMA) | |
| Użu ta' flessibbiltajiet (fejn ikun rilevanti) | |
| Titjib imbassar fil-kwalità tal-arja (BMA) | |
| Impatti mbassra fuq l-ambjent (BMA) | |
| Metodoloġiji u inċertezzi | |

2.3. **Il-qafas ta' politika nazzjonali dwar il-kwalità tal-arja u t-tniġġis**

2.3.1. *Prijoritajiet ta' politika u r-relazzjoni tagħhom ma' prijoritajiet stabbiliti f'oqsma rilevanti oħra ta' politika*

| L-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet imqabbla mas-sena bażi 2005 (f'%) (O) | $SO_2$ | $NO_x$ | NMVOC | $NH_3$ | $PM_{2,5}$ |
|---|---|---|---|---|---|
| 2020-2029 (O) | | | | | |
| Mill-2030 (O) | | | | | |

▼B

| L-impenji nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet imqabbla mas-sena bażi 2005 (f'%) (O) | $SO_2$ | $NO_x$ | NMVOC | $NH_3$ | $PM_{2,5}$ |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-prijoritajiet tal-kwalità tal-arja: il-prijoritajiet ta' politika nazzjonali b'rabta mal-objettivi nazzjonali jew tal-UE tal-kwalità tal-arja (inklużi l-valuri limitu u l-valuri fil-mira, u l-obbligi tal-konċentrazzjoni tal-esponiment) (O)<br>*Tista' ssir ukoll referenza għall-objettivi dwar il-kwalità tal-arja rrakkomandati mid-WHO.* | | | | | |
| Prijoritajiet ta' politika rilevanti dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija (O) | | | | | |
| Prijoritajiet ta' politika rilevanti f'oqsma rilevanti ta' politika, inklużi l-agrikoltura, l-industrija u t-trasport (O) | | | | | |

2.3.2. *Responsabbiltajiet attribwiti lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali*

| Elenka l-awtoritajiet rilevanti (O) | Iddeskrivi t-tip ta' awtorità (eż. spettorat ambjentali, aġenzija ambjentali reġjonali, muniċipalità) (O)<br>Fejn ikun xieraq, l-isem tal-awtorità (eż. il-Ministeru ta' XXX, l-Aġenzija Nazzjonali għal XXX, l-Uffiċċju reġjonali għal XXX) | Iddeskrivi r-responsabbiltajiet attribwiti fl-oqsma tal-kwalità tal-arja u tat-tniġġis tal-arja (O)<br>Agħżel minn dawn li ġejjin kif ikun xieraq:<br>— Rwoli ta' tfassil ta' politika<br>— Rwoli ta' implimentazzjoni<br>— Rwoli ta' infurzar (inklużi, fejn ikun rilevanti, spezzjonijiet u għoti ta' permessi)<br>— Rwoli ta' rapportar u ta' monitoraġġ<br>— Rwoli ta' koordinazzjoni<br>— Rwoli oħra, jekk jogħġbok speċifika | Islet is-setturi taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità (F) |
|---|---|---|---|
| Awtoritajiet nazzjonali (O) | | | |
| | | | |
| | | | |
| Awtoritajiet reġjonali (O) | | | |
| | | | |
| | | | |
| Awtoritajiet lokali (O) | | | |
| | | | |
| | | | |

*Żid iktar ringieli kif ikun xieraq*

2.4. **Il-progress li sar permezz tal-politiki u tal-miżuri (PuM) attwali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet u fit-titjib tal-kwalità tal-arja, u l-livell ta' konformità mal-obbligi nazzjonali u tal-Unjoni, meta mqabbel mal-2005**

2.4.1. *Il-progress li sar permezz tal-PuM attwali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, u l-livell ta' konformità mal-obbligi nazzjonali u tal-Unjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet*

| | |
|---|---|
| Iddeskrivi l-progress li sar permezz tal-PuM attwali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, u l-livell ta' konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (O) | |

▼B

| | |
|---|---|
| Ipprovdi referenzi kompluti (il-kapitlu u l-paġna) għal settijiet ta' *data* ta' sostenn li huma disponibbli pubblikament (eż. ir-rapportar tal-inventarji storiċi tal-emissjonijiet) (O) | |
| Inkludi illustrazzjonijiet li juru t-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull inkwinant u/jew għal kull settur prinċipali (F) | |

2.4.2. *Il-progress li sar permezz tal-PuM attwali fit-titjib tal-kwalità tal-arja, u l-livell ta' konformità mal-obbligi nazzjonali u tal-Unjoni tal-kwalità tal-arja*

| | |
|---|---|
| Iddeskrivi l-progress li sar permezz tal-PuM attwali fit-titjib tal-kwalità tal-arja, u l-grad ta' konformità mal-obbligi nazzjonali u tal-Unjoni tal-kwalità tal-arja billi, bħala minimu, tispeċifika n-numru ta' żoni tal-kwalità tal-arja, mit-total taż-żoni tal-kwalità tal-arja, li huma/mhumiex konformi mal-objettivi tal-UE dwar il-kwalità tal-arja għall-$NO_2$, għall-$PM_{10}$, għall-$PM_{2,5}$ u għall-$O_3$, u kull inkwinant(i) ieħor/oħra li jkun hemm eċċess tiegħu/tagħhom (O) | |
| Ipprovdi referenzi kompluti (il-kapitlu u l-paġna) għal settijiet ta' *data* ta' sostenn li huma disponibbli pubblikament (eż. il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, l-apporzjonament tas-sors) (O) | |
| Mapep jew istogrammi li juru l-konċentrazzjonijiet tal-arja ambjentali attwali (minn tal-inqas għall-$NO_2$, għall-$PM_{10}$, għall-$PM_{2,5}$ u għall-$O_3$, u kull inkwinant(i) ieħor/oħra li jippreżenta(w) problema) u li juru, pereżempju, in-numru ta' żoni, mit-total taż-żoni tal-kwalità tal-arja, li huma/mhumiex konformi fis-sena bażi u fis-sena tar-rapportar (F) | |
| Fejn jiġu identifikati problemi f'żona/i tal-kwalità tal-arja, iddeskrivi kif sar progress fit-tnaqqis tal-konċentrazzjonijiet massimi rrapportati (F) | |

2.4.3. *Impatt transkonfinali attwali ta' sorsi nazzjonali tal-emissjonijiet*

| | |
|---|---|
| Fejn ikun rilevanti, iddeskrivi l-impatt transkonfinali attwali ta' sorsi domestiċi tal-emissjonijiet (O)<br>*Il-progress jista' jiġi rrapportat f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi.*<br>*Jekk ma ġiet identifikata l-ebda problema, indika dik il-konklużjoni.* | |
| F'każ li tintuża *data* kwantitattiva biex jiġu deskritti r-riżultati tal-valutazzjoni, speċifika d-*data* u l-metodoloġiji li ntużaw biex titwettaq il-valutazzjoni msemmija hawn fuq (F) | |

2.5. **Evoluzzjoni ulterjuri mbassra bis-suppożizzjoni li ma jsirx tibdil fil-politiki u fil-miżuri li diġà ġew adottati**

2.5.1. *Emissjonijiet imbassra u tnaqqis tal-emissjonijiet (ix-xenarju BM)*

| Inkwinanti (O) | Total tal-emissjonijiet (kt), konsistenti mal-inventarji għas-sena x-2 jew x-3 (is-sena trid tiġi speċifikata) (O) | | | | % imbassar ta' ksib tat-tnaqqis tal-emissjonijiet imqabbel mal-2005 (O) | | | Impenn nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020-2029 (%) (O) | Impenn nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2030 (%) (O) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sena bażi 2005 | 2020 | 2025 | 2030 | 2020 | 2025 | 2030 | | |
| $SO_2$ | | | | | | | | | |
| $NO_x$ | | | | | | | | | |
| NMVOC | | | | | | | | | |
| $NH_3$ | | | | | | | | | |

▼B

| Inkwinanti (O) | Total tal-emissjonijiet (kt), konsistenti mal-inventarji għas-sena x-2 jew x-3 (is-sena trid tiġi speċifikata) (O) | | | | % imbassar ta' ksib tat-tnaqqis tal-emissjonijiet imqabbel mal-2005 (O) | | | Impenn nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020-2029 (%) (O) | Impenn nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2030 (%) (O) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sena bażi 2005 | 2020 | 2025 | 2030 | 2020 | 2025 | 2030 | | |
| $PM_{2,5}$ | | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| Iddeskrivi l-inċertezzi assoċjati biex it-tbassir tax-xenarju BM jissodisfa l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020, għall-2025 u għall-2030 'il quddiem (F) | |
| Data tat-tbassir tal-emissjonijiet (O) | |

*Fejn l-evoluzzjoni mbassra turi li l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fix-xenarju BM mhux se jinkisbu, it-taqsima 2.6 għandha tiddeskrivi l-PuM addizzjonali kkunsidrati sabiex tinkiseb il-konformità.*

2.5.2. *Impatt imbassar fuq it-titjib tal-kwalità tal-arja (ix-xenarju BM), inkluż il-livell imbassar ta' konformità*

2.5.2.1. Deskrizzjoni kwalitattiva tat-titjib imbassar fil-kwalità tal-arja (O)

| | |
|---|---|
| Ipprovdi deskrizzjoni kwalitattiva tat-titjib imbassar fil-kwalità tal-arja u tal-evoluzzjoni ulterjuri mbassra tal-livell ta' konformità (ix-xenarju BM) mal-objettivi tal-UE tal-kwalità tal-arja għall-valuri tal-$NO_2$, tal-$PM_{10}$, tal-$PM_{2,5}$ u tal-$O_3$, u kull inkwinant(i) ieħor/oħra li jippreżenta(w) problema sal-2020, sal-2025 u sal-2030 (O)<br>Ipprovdi referenzi kompluti (il-kapitlu u l-paġna) għal settijiet ta' *data* ta' sostenn li huma disponibbli pubblikament (eż. il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja, l-apporzjonament tas-sors) li jiddeskrivu t-titjib imbassar u l-evoluzzjoni ulterjuri mbassra tal-livell ta' konformità (O) | |

2.5.2.2. Deskrizzjoni kwantitattiva tat-titjib imbassar tal-kwalità tal-arja (F)

| Valuri tal-AAQD | Numru mbassar ta' żoni tal-kwalità tal-arja li mhumiex konformi | | | | Numru mbassar ta' żoni tal-kwalità tal-arja li huma konformi | | | | Total tan-numru ta' żoni tal-kwalità tal-arja | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 |
| $PM_{2,5}$ (sena) | | | | | | | | | | | | |
| $NO_2$ (sena) | | | | | | | | | | | | |
| $PM_{10}$ (sena) | | | | | | | | | | | | |
| $O_3$ (medja massima ta' tmien siegħat) | | | | | | | | | | | | |
| Oħra (jekk jogħġbok speċifika) | | | | | | | | | | | | |

▼B

2.6. **Alternattivi ta' politika kkunsidrati sabiex ikun hemm konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u għall-2030, u l-livelli intermedji tal-emissjonijiet għall-2025**

*L-informazzjoni meħtieġa skont din it-taqsima għandha tiġi rrapportata billi tintuża "l-Għodda għall-Politiki u għall-Miżuri" ("l-għodda tal-PuM") ipprovduta għal dak l-għan mill-EEA.*

2.6.1. *Dettalji dwar il-PuM ikkunsidrati sabiex ikun hemm konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (ir-rapportar fil-livell tal-PuM)*

| L-isem u deskrizzjoni qasira tal-PuM individwali jew ta' pakkett ta' PuM (O) | Inkwinant(i) affettwat(i), agħżel kif ikun xieraq $SO_2$, $NO_x$, NMVOC, $NH_3$, $PM_{2,5}$,(O); BC bħala komponent tal-$PM_{2,5}$, għal oħrajn (eż. l-Hg, id-diossini, il-GHG) (F) jekk jogħġbok speċifika | Objettivi tal-PuM individwali jew ta' pakkett ta' PuM (*) (O) | Tip(i) ta' PuM (^) (O) | Is-settur(i) primarju/i, u fejn ikun xieraq, is-settur(i) addizzjonali affettwat(i) (†) (O) | Perjodu ta' implimentazzjoni (O għal miżuri magħżula għall-implimentazzjoni) | | Awtorità/ajiet responsabbli għall-implimentazzjoni (O għal miżuri magħżula għall-implimentazzjoni) Irreferi għal dawk elenkati fit-Tabella 2.3.2 kif ikun xieraq. | | Dettalji tal-metodoloġiji li ntużaw għall-analiżi (eż. mudelli jew metodi speċifiċi, id-*data* sottostanti) (O) | Tnaqqis mistenni u kkwantifikat tal-emissjonijiet (għal PuM individwali jew għal pakketti ta' PuM, kif ikun xieraq) (kt, kull sena jew bħala firxa, imqabbla max-xenarju BM) (O) | | | Deskrizzjoni kwalitattiva tal-inċertezzi (O, fejn ikunu disponibbli) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Bidu | Tmiem | Tip | Isem | | 2020 | 2025 | 2030 | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | |

*Żid iktar ringieli kif ikun xieraq*

*It-tweġibiet għall-kaxxa indikata b' (*), b' (^) u b' (†) għandhom isiru billi jintużaw l-alternattivi tat-tweġibiet predefiniti li huma konsistenti mal-obbligi ta' rapportar skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 749/2014.*

It-tweġibiet għall-kaxxa indikata b' (*) għandhom isiru billi jintużaw l-alternattivi tat-tweġibiet predefiniti li ġejjin, li jridu jintgħażlu kif ikun xieraq (jista' jintgħażel iktar minn objettiv wieħed, u jistgħu jiżdiedu objettivi addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħra") (O)

1. Provvista tal-enerġija:
   - — żieda fl-enerġija rinnovabbli;
   - — bidla għal fjuwils b'intensità inqas qawwija tal-karbonju;
   - — ġenerazzjoni mhux rinnovabbli aħjar b'livell baxx ta' karbonju (l-enerġija nukleari);
   - — inqas telf;
   - — titjib fl-effiċjenza fis-setturi tal-enerġija u tat-trasformazzjoni;
   - — installazzjoni ta' teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;
   - — provvista oħra tal-enerġija.
2. Konsum tal-enerġija:
   - — titjib fl-effiċjenza tal-bini;
   - — titjib fl-effiċjenza tal-apparat elettrodomestiku;
   - — titjib fl-effiċjenza fis-settur tas-servizzi/terzjarju;
   - — titjib fl-effiċjenza fis-setturi industrijali tal-użu finali;
   - — ġestjoni/tnaqqis tad-domanda;
   - — konsum ieħor tal-enerġija.
3. Trasport:
   - — l-użu ta' teknoloġiji għat-tnaqqis tat-tniġġis fil-vetturi, fil-bastimenti u fl-inġenji tal-ajru;
   - — titjib fl-effiċjenza tal-vetturi, tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru;
   - — bidla modali lejn it-trasport pubbliku jew it-trasport mhux motorizzat;

▼B

— fjuwils alternattivi għall-vetturi, għall-bastimenti u għall-inġenji tal-ajru (inklużi dawk elettriċi);

— ġestjoni/tnaqqis tad-domanda;

— titjib fl-imġiba;

— titjib fl-infrastruttura tat-trasport;

— trasport ieħor.

4. Proċessi industrijali:

— installazzjoni ta' teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet;

— titjib fil-kontroll tal-emissjonijiet li jaħarbu mill-proċessi industrijali;

— proċessi industrijali oħra.

5. Skart/ġestjoni tal-iskart:

— ġestjoni/tnaqqis tad-domanda;

— riċiklaġġ aħjar;

— titjib fit-teknoloġiji tat-trattament;

— titjib fil-ġestjoni tal-landfills;

— inċinerazzjoni tal-iskart bl-użu tal-enerġija;

— titjib fis-sistemi tal-ġestjoni tal-ilma mormi;

— tnaqqis tar-rimi f'landfill;

— skart ieħor.

6. Agrikoltura:

— it-tqegħid ta' fertilizzant/demel b'emissjonijiet baxxi fuq ir-raba' u l-bwar;

— attivitajiet oħra li jtejbu il-ġestjoni tar-raba';

— titjib fil-ġestjoni tal-bhejjem u fl-installazzjonijiet tat-trobbija;

— titjib fis-sistemi tal-ġestjoni tal-ħmieġ tal-annimali;

— agrikoltura oħra.

7. Trasversali:

— politika qafas;

— politika multisettorjali;

— politika trasversali oħra.

8. Oħra:

— L-Istati Membri jridu jipprovdu deskrizzjoni qasira tal-objettiv.

It-tweġibiet għall-kaxxa indikata b' (^) għandhom isiru billi jintużaw l-alternattivi tat-tweġibiet predefiniti li ġejjin, li jridu jintgħażlu kif ikun xieraq (jista' jintgħażel iktar minn tip wieħed ta' PuM, u jistgħu jiżdiedu PuM addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħra") (O)

— Kontroll tat-tniġġis abbażi tas-sors;

— Strumenti ekonomiċi;

— Strumenti fiskali;

— Ftehimiet volontarji/innegozjati;

— Informazzjoni;

— Regolatorji;

— Edukazzjoni;

— Riċerka;

— Ippjanar;

— Oħra, jekk jogħġbok speċifika.

It-tweġibiet għall-kaxxa indikata b' (†) għandhom isiru billi jintużaw l-alternattivi tat-tweġibiet predefiniti li ġejjin, li jridu jintgħażlu kif ikun xieraq (jista' jintgħażel iktar minn settur wieħed, u jistgħu jiżdiedu setturi addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħra") (O)

— il-provvista tal-enerġija (magħmula mill-estrazzjoni, mit-trażmissjoni, mid-distribuzzjoni, u mill-ħżin tal-fjuwils kif ukoll mill-produzzjoni tal-enerġija u tal-elettriku);

— il-konsum tal-enerġija (magħmul mill-konsum tal-fjuwils u tal-elettriku mill-utenti finali bħall-unitajiet domestiċi, is-servizzi, l-industrija u l-agrikoltura);

▼B

— it-trasport;

— il-proċessi industrijali (magħmula mill-attivitajiet industrijali li jittrasformaw il-materjali kimikament jew fiżikament u li jwasslu għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-użu ta' gassijiet serra fil-prodotti u l-użu tal-karbonju tal-fjuwils fossili mhux għall-enerġija);

— l-agrikoltura;

— l-iskart/il-ġestjoni tal-iskart;

— trasversali;

— setturi oħra; jekk jogħġbok speċifika.

2.6.2. *Impatti fuq il-kwalità tal-arja u l-ambjent ta' PuM individwali jew ta' pakketti ta' PuM ikkunsidrati sabiex ikun hemm konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (O, fejn ikunu disponibbli)*

| | |
|---|---|
| Fejn ikunu disponibbli, l-impatti fuq il-kwalità tal-arja (tista' ssir ukoll referenza għall-objettivi dwar il-kwalità tal-arja rrakkomandati mid-WHO) u fuq l-ambjent | |

2.6.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-PuM individwali jew ta' pakkett ta' PuM ikkunsidrati sabiex ikun hemm konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (O)*

| L-isem u deskrizzjoni qasira tal-PuM individwali jew ta' pakkett ta' PuM | Il-kostijiet f'EUR għal kull tunnellata mnaqqsa ta' inkwinant | Il-kostijiet assoluti f'EUR għal kull sena | Il-benefiċċji assoluti għal kull sena | Il-proporzjon bejn il-kostijiet u l-benefiċċji | Is-sena tal-prezz | Deskrizzjoni kwalitattiva tal-istimi tal-kostijiet u tal-benefiċċji |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | | | | | | |

*Żid iktar ringieli kif ikun xieraq*

2.6.4. *Dettalji addizzjonali dwar il-miżuri mill-Parti 2 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/2284 li timmira lejn is-settur agrikolu biex ikun hemm konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet*

| | Il-PuM huma inklużi fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja? Iva/Le (O) | — Jekk iva, indika n-numru tat-taqsima/tal-paġna fil-programm (O) | Il-PuM ġew applikati eżattament? Iva/Le (O) Jekk le, iddeskrivi l-modifiki li saru (O) |
|---|---|---|---|
| A. **Miżuri għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-ammonijaka (O)** | | | |
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kodiċi konsultattiv nazzjonali ta' prattika agrikola tajba għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-ammonijaka, billi jitqies il-Kodiċi Qafas tan-NU/KEE għal Prattika Agrikola Tajba għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Ammonijaka tal-2014, li jkopri minn tal-inqas il-punti li ġejjin:<br>(a) il-ġestjoni tan-nitroġenu, billi jitqies iċ-ċiklu kollu tan-nitroġenu;<br>(b) l-istrateġiji għat-tagħlif tal-bhejjem;<br>(c) it-tekniki tat-tidmil b'emissjonijiet baxxi;<br>(d) is-sistemi tal-ħżin tad-demel b'emissjonijiet baxxi;<br>(e) is-sistemi tal-postijiet fejn jinżammu l-annimali b'emissjonijiet baxxi;<br>(f) il-possibbiltajiet għal-limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-użu ta' fertilizzanti minerali. | | | |

▼B

| | Il-PuM huma inklużi fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja? Iva/Le (O) | Jekk iva, — indika n-numru tat-taqsima/tal-paġna fil-programm (O) | Il-PuM ġew applikati eżattament? Iva/Le (O) Jekk le, iddeskrivi l-modifiki li saru (O) |
|---|---|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu baġit nazzjonali għan-nitroġenu biex jissorveljaw il-bidliet fit-telf ġenerali ta' nitroġenu reattiv mill-agrikoltura, inkluż l-ammonijaka, l-ossidu nitruż, l-ammonju, in-nitrati u n-nitriti, abbażi tal-prinċipji stabbiliti fid-Dokument ta' Gwida dwar il-Baġits għan-Nitroġenu tan-NU/KEE. | | | |
| 3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu tal-fertilizzanti tal-karbonat tal-ammonju u jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-fertilizzanti inorganiċi billi jużaw l-approċċi li ġejjin:<br>(a) is-sostituzzjoni ta' fertilizzanti bbażati fuq l-urea b'fertilizzanti bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju;<br>(b) fejn jibqgħu jitqiegħdu l-fertilizzanti bbażati fuq l-urea, l-użu ta' metodi li jkun intwera li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'minn tal-inqas 30 % meta mqabbel mal-użu tal-metodu ta' referenza, kif speċifikat fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka;<br>(c) il-promozzjoni tas-sostituzzjoni ta' fertilizzanti inorganiċi b'fertilizzanti organiċi u, fejn jibqgħu jitqiegħdu fertilizzanti inorganiċi, it-tixrid tagħhom skont ir-rekwiżiti prevedibbli tal-għalla jew tal-bur riċeventi fir-rigward tan-nitroġenu u tal-fosfru, filwaqt li jitqies ukoll il-kontenut eżistenti ta' nutrijenti fil-ħamrija u n-nutrijenti minn fertilizzanti oħra. | | | |
| 4. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka mid-demel tal-bhejjem billi jużaw l-approċċi li ġejjin:<br>(a) it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-tqegħid tad-demel likwidu u tad-demel solidu fuq ir-raba' li jinħadem u fuq il-bwar, bl-użu ta' metodi li jnaqqsu l-emissjonijiet b'minn tal-inqas 30 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka u bil-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>i. it-tifrix biss ta' demel solidu u ta' demel likwidu konformi mar-rekwiżiti prevedibbli ta' nutrijenti tal-għalla jew tal-bur riċeventi fir-rigward tan-nitroġenu u tal-fosfru, filwaqt li jitqies ukoll il-kontenut eżistenti ta' nutrijenti fil-ħamrija u n-nutrijenti minn fertilizzanti oħra;<br>ii. in-nuqqas ta' tifrix ta' demel solidu u ta' demel likwidu meta l-art riċeventi tkun miftuħa bl-ilma, mgħarrqa, iffriżata jew miksija bil-borra; | | | |

▼B

| | Il-PuM huma inklużi fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja? Iva/Le (O) | Jekk iva, indika n-numru tat-taqsima/tal-paġna fil-programm (O) — | Il-PuM ġew applikati eżattament? Iva/Le (O) Jekk le, iddeskrivi l-modifiki li saru (O) |
|---|---|---|---|
| iii. it-tqegħid ta' demel likwidu mferrex fuq il-bwar bl-użu ta' distributur b'pajpijiet flessibbli (trailing hose), ta' distributur b'tubi flessibbli (trailing shoe) jew permezz ta' injezzjoni fil-wiċċ jew fil-fond; | | | |
| iv. l-inkorporazzjoni fil-ħamrija, ta' demel solidu u ta' demel likwidu mferrex fir-raba' li jinħadem fl-ewwel erba' sigħat mit-tifrix; | | | |
| (b) it-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ħżin tad-demel 'il barra mill-postijiet fejn jinżammu l-annimali, billi jintużaw l-approċċi li ġejjin: | | | |
| i. għall-imħażen tad-demel likwidu mibnija wara l-1 ta' Jannar 2022, l-użu ta' sistemi jew ta' tekniki ta' ħżin b'emissjonijiet baxxi li jkun intwera li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'minn tal-inqas 60 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka, u b'minn tal-inqas 40 % għall-imħażen eżistenti tad-demel likwidu; | | | |
| ii. il-kisi tal-imħażen għad-demel solidu b'għata; | | | |
| iii. l-iżgurar li l-azjendi agrikoli jkollhom kapaċità suffiċjenti ta' ħżin tad-demel biex iferrxu d-demel biss matul dawk il-perjodi li huma xierqa għat-tkabbir tal-għelejjel; | | | |
| (c) it-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-postijiet fejn jinżammu l-annimali, bl-użu ta' sistemi li jkun intwera li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'minn tal-inqas 20 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka; | | | |
| (d) it-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-demel, bl-użu ta' strateġiji ta' tagħlif tal-proteini li jkun intwera li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ammonijaka b'minn tal-inqas 10 % meta mqabbel mal-metodu ta' referenza deskritt fid-Dokument ta' Gwida dwar l-Ammonijaka. | | | |
| B. **Miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet ta' materja partikolata fina ($PM_{2,5}$) u ta' karbonju iswed (O)** | | | |
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Anness II dwar il-kundizzjonalità tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-ħruq fl-għelieqi fil-beraħ ta' residwi u ta' skart mill-ħsad agrikolu u ta' residwi mill-foresti. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jinfurzaw l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe projbizzjoni implimentata skont l-ewwel sottoparagrafu. Kwalunkwe eżenzjoni għal tali projbizzjoni għandha tkun limitata għall-programmi preventivi biex jiġu evitati n-nirien bla kontroll, għall-kontroll tal-organiżmi ta' ħsara, jew għall-protezzjoni tal-bijodiversità. | | | |

▼B

| | Il-PuM huma inklużi fil-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja? Iva/Le (O) | Jekk iva, indika n-numru tat-taqsima/tal-paġna fil-programm (O) — | Il-PuM ġew applikati eżattament? Iva/Le (O) Jekk le, iddeskrivi l-modifiki li saru (O) |
|---|---|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kodiċi konsultattiv nazzjonali ta' prattiki agrikoli tajbin għall-ġestjoni kif suppost tar-residwi mill-ħsad, abbażi tal-approċċi li ġejjin:<br>(a) it-titjib tal-istruttura tal-ħamrija permezz tal-inkorporazzjoni tar-residwi mill-ħsad;<br>(b) it-titjib tat-tekniki għall-inkorporazzjoni tar-residwi mill-ħsad;<br>(c) l-użu alternattiv tar-residwi mill-ħsad;<br>(d) it-titjib tal-istatus tan-nutrijenti u tal-istruttura tal-ħamrija permezz tal-inkorporazzjoni tad-demel kif meħtieġ għat-tkabbir ottimali tal-pjanti, biex b'hekk jiġi evitat il-ħruq tad-demel (id-demel tal-bhejjem, il-mifrex tat-tiben). | | | |

C. **Prevenzjoni tal-impatti fuq l-azjendi agrikoli ż-żgħar (O)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Meta jieħdu l-miżuri deskritti fit-Taqsimiet A u B, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiesu għal-kollox l-impatti fuq l-azjendi agrikoli żgħar u mikro. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jeżentaw lill-azjendi żgħar u mikro minn dawk il-miżuri fejn ikun possibbli u xieraq fid-dawl tal-impenji applikabbli għat-tnaqqis tal-emissjonijiet (O) | | | |

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

2.7. **Il-politiki magħżula għall-adozzjoni skont is-settur, inkluża skeda għall-adozzjoni, għall-implimentazzjoni u għar-rieżami tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli**

2.7.1. *PuM individwali jew pakkett ta' PuM magħżula għall-adozzjoni u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli*

| L-isem u deskrizzjoni qasira tal-PuM individwali jew tal-pakkett ta' PuM (O) *Irreferi għal dawk elenkati fit-Tabella 2.6.1 kif ikun xieraq.* | Is-sena tal-adozzjoni ppjanata attwalment (O) | Kummenti rilevanti li jirriżultaw mill-konsultazzjoni(jiet) b'rabta ma' PuM individwali jew ma' pakkett ta' PuM (F) | L-iskeda għall-implimentazzjoni ppjanata attwalment (O) | | Il-miri interim u l-indikaturi magħżula għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-PuM magħżula (F) | | L-iskeda għar-rieżami ppjanata attwalment (f'każ li tkun differenti mill-aġġornament ġenerali tal-programm nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja ta' kull erba' snin) (O) | L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-PuM individwali jew għall-pakkett ta' PuM (O) *Irreferi għal dawk elenkati fit-Tabella 2.3.2 kif ikun xieraq.* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Sena tal-bidu | Sena tat-tmiem | Miri Interim | Indikaturi | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

*Daħħal iktar ringieli kif ikun xieraq*

▼B

2.7.2. *Spjegazzjoni tal-għażla ta' miżuri magħżula u valutazzjoni ta' kif il-PuM magħżula jiżguraw il-koerenza mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti f'oqsma rilevanti oħra ta' politika*

| | |
|---|---|
| Spjegazzjoni tal-għażla li saret minn fost il-miżuri kkunsidrati fit-Tabella 2.6.1 biex jiġi stabbilit is-sett finali ta' miżuri magħżula (F) | |
| Il-koerenza tal-PuM magħżula mal-objettivi dwar il-kwalità tal-arja fil-livell nazzjonali u, fejn ikun xieraq, fl-Istati Membri ġirien (O) | |
| Il-koerenza tal-PuM magħżula ma' pjanijiet u ma' programmi rilevanti oħra stabbiliti bis-saħħa tar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni (eż. il-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima) (O) | |

2.8. **Impatti kkombinati mbassra tal-PuM ("Bil-Miżuri Addizzjonali" — BMA) fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet, il-kwalità tal-arja u l-ambjent, u l-inċertezzi assoċjati (fejn ikun applikabbli)**

2.8.1. *Ksib imbassar tal-impenji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet (BMA)*

| Inkwinanti(O)- | It-total tal-emissjonijiet (kt), konsistenti mal-inventarji għas-sena x-2 jew x-3; jekk jogħġbok speċifika s-sena (O) | | | | % ta' ksib tat-tnaqqis tal-emissjonijiet imqabbel mal-2005 (O) | | | Impenn nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020-2029 (%) (O) | Impenn nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2030 (%) (O) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sena bażi 2005 | 2020 | 2025 | 2030 | 2020 | 2025 | 2030 | | |
| $SO_2$ | | | | | | | | | |
| $NO_x$ | | | | | | | | | |
| NMVOC | | | | | | | | | |
| $NH_3$ | | | | | | | | | |
| $PM_{2,5}$ | | | | | | | | | |
| Data tat-tbassir tal-emissjonijiet (O) | | | | | | | | | |

2.8.2. *Perkors mhux lineari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet*

| | |
|---|---|
| Fejn jiġi segwit perkors mhux lineari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, uri li huwa teknikament jew ekonomikament iktar effiċjenti (miżuri alternattivi jkunu jinvolvu kostijiet sproporzjonati), li mhux se jikkompromettu l-ksib ta' xi impenn għat-tnaqqis fl-2030, u li dak il-perkors se jikkonverġi f'perkors lineari mill-2025 'il quddiem (O, fejn ikun rilevanti)<br>*Irreferi għall-kostijiet elenkati fit-Tabella 2.6.3 kif ikun xieraq.* | |

2.8.3. *Flessibbiltajiet*

| | |
|---|---|
| Fejn jintużaw il-flessibbiltajiet, ipprovdi rendikont tal-użu tagħhom (O) | |

▼B

2.8.4. *Titjib imbassar fil-kwalità tal-arja (BMA)*

A. **Numru mbassar ta' żoni tal-kwalità tal-arja li mhumiex konformi u ta' dawk li huma konformi (F)**

| Valuri tal-AAQD | Numru mbassar ta' żoni tal-kwalità tal-arja li mhumiex konformi | | | | Numru mbassar ta' żoni tal-kwalità tal-arja li huma konformi | | | | Total tan-numru ta' żoni tal-kwalità tal-arja | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 |
| $PM_{2,5}$ (sena) | | | | | | | | | | | | |
| $NO_2$ (sena) | | | | | | | | | | | | |
| $PM_{10}$ (sena) | | | | | | | | | | | | |
| $O_3$ (medja massima ta' tmien sigħat) | | | | | | | | | | | | |
| Oħra (jekk jogħġbok speċifika) | | | | | | | | | | | | |

B. **Eċċessi massimi tal-valuri limitu tal-kwalità tal-arja u indikaturi tal-esponiment medju (F)**

| Valuri tal-AAQD | Eċċessi massimi mbassra tal-valuri limitu tal-kwalità tal-arja fiż-żoni kollha | | | | Indikatur tal-esponiment medju mbassar (għall-$PM_{2,5}$ (sena) biss | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 | Speċifika s-sena bażi | 2020 | 2025 | 2030 |
| $PM_{2,5}$ (sena) | | | | | | | | |
| $NO_2$ (sena) | | | | | | | | |
| $NO_2$ (siegħa) | | | | | | | | |
| $PM_{10}$ (sena) | | | | | | | | |
| $PM_{10}$ (24 siegħa) | | | | | | | | |
| $O_3$ (medja massima ta' tmien sigħat) | | | | | | | | |
| Oħra (jekk jogħġbok speċifika) | | | | | | | | |

C. **Illustrazzjonijiet li juru t-titjib imbassar fil-kwalità tal-arja u l-livell ta' konformità (F)**

| | |
|---|---|
| Mapep jew istogrammi li juru l-evoluzzjoni mbassra tal-konċentrazzjonijiet tal-arja ambjentali (minn tal-inqas għall-$NO_2$, għall-$PM_{10}$, għall-$PM_{2,5}$ u għall-$O_3$, u kull inkwinant(i) ieħor/oħra li jippreżenta(w) problema) u li juru, pereżempju, in-numru ta' żoni, mit-total taż-żoni tal-kwalità tal-arja, li se jkunu/mhux se jkunu konformi sal-2020, sal-2025 u sal-2030, l-eċċessi nazzjonali massimi mbassra, u l-indikatur tal-esponiment medju mbassar | |

D. **Titjib kwalitattiv imbassar fil-kwalità tal-arja u l-livell ta' konformità (BMA) (f'każ li ma tiġi pprovduta l-ebda *data* kwantitattiva fit-tabelli ta' hawn fuq) (F)**

| | |
|---|---|
| Titjib kwalitattiv imbassar fil-kwalità tal-arja u l-livell ta' konformità (BMA) | |

▼B

*Għall-valuri limitu annwali, it-tbassir għandu jiġi rrapportat fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet massimi fiż-żoni kollha. Għall-valuri limitu ta' kuljum u ta' kull siegħa, it-tbassir għandu jiġi rrapportat fir-rigward tan-numru massimu ta' eċċessi fiż-żoni kollha.*

2.8.5. *Impatti mbassra fuq l-ambjent (BMA) (F)*

| | Is-sena bażi li ntużat biex jiġu vvalutati l-impatti ambjentali (jekk jogħġbok speċifika | 2020 | 2025 | 2030 | Deskrizzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| It-territorju ta' Stat Membru espost għal aċidifikazzjoni li tkun qabżet il-livell limitu tat-tagħbija kritika (%) | | | | | |
| It-territorju ta' Stat Membru espost għal ewtrofikazzjoni li tkun qabżet il-livell limitu tat-tagħbija kritika (%) | | | | | |
| It-territorju ta' Stat Membru espost għall-ożonu li jkun qabeż il-livell limitu tat-tagħbija kritika (%) | | | | | |

*L-indikaturi għandhom jiġu allinjati ma' dawk li ntużaw fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfinali u fuq Distanza Kbira fir-rigward tal-esponiment tal-ekosistemi għall-aċidifikazzjoni, għall-ewtrofikazzjoni u għall-ożonu* https://www.rivm.nl/media/documenten/cce/manual/Manual_UBA_Texte.pdf.